# Kunsill Lokali Gżira

283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A48/10

2 t' Ottubru 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/48**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir **il-Ħamis 7 t'Ottubru 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet Nru: 5 u Nru: 6
5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
6. Diskussjoni dwar l-*audit*, l-*e-mails* skambjati u approvazzjoni tat-*Trial Balances, Quarterly Reports, Financial Statements* u l-*Cash Budget*
7. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-kwotazzjoni *GLC005/2010* tar-*Rack* għas-*Server*
8. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-kwotazzjoni *GLC006/2010 – Culvert Cleaning*
9. Diskussjoni dwar *Tender GLC002/2010 – Mixed Household Waste*
10. Diskussjoni dwar il-*Management Letter*
11. Diskussjoni dwar problema ta' Riżorsi Umani
12. Affarijiet oħra
13. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Marion Monaco |
| Sindku | D/Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

4 ta' Novembru 2010

Ref Nru.Klg5/048

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/48 li saret il-Ħamis 7 t' Ottubru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

## Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mad-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco u l-Assistant Prinċipal Fabian Borg

Attenda għall-parti mill-laqgħa l-*Accountant* Antoine Portelli.

## *Chairman*

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-2 t' Ottubru 2010.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħat preċedenti jiġifieri tal-21 ta' Lulju 2010, tat-13 t'Awwissu 2010 u ta' l-14 ta' Settembru 2010 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 2. Materji Konnessi

**2.1.** Paġna Nru: 4 para 3.3. (ref laqgħa Klg5/045) – *supply & fixing of rubber speed moderator*.

Tressqet il-kwotazzjoni tad-ditta *B.Grima & Sons Ltd* li kienet tammonta għal €730.42. kif kien mitlub fil-laqgħa hawn fuq sopraċitata.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li tiġi nstallata l-i*speed moderator* tad-ditta *Uniking International Ltd* għall-ammont ta' €367.82 VAT inkluża.

**2.2.** Paġna Nru: 2 para 1.1. ( ref laqgħa Klg5/46) – *Tender GLC003/2010 Public Private Partnership*

Il-Kunsill ġie nfurmat li t-*tender* hawn fuq msemmi ġie ppubblikat skont il-proċedura nkluż l-avviż fil-*European Journal* u d-data ta' l-għeluq hi t-8 ta' Novembru 2010.

**2.3.** Paġna Nru: 2 para 1.1. (ref laqgħa Klg5/47) – Ftuħ uffiċjali tal-*Football Training Pitch* fil-Kulleġġ Sta Klara – Skola Sekondarja Antonio Bosio Gżira

Iċ-*Chairman* qal, li din l-attivita' kienet suċċess u s-serata kienet pjaċevoli. Huwa kompla jgħid, li xtaq jirringrazzja lil dawk kollha li għenu sabiex il-ftuħ uffiċjali seta' jsir partikularment lill-Kap ta' l-iskola, s-Sur Alfred Grixti u lis-Sur Alfred Portelli.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-7 t'Ottubru 2010 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Viċi-Sindku kien, mill-1 ta' Settembru 2010, iriżenja minn Kunsillier li jirrappreżenta l-Partit Laburista iżda, kien ser jibqa' jservi fil-Kunsill bħala Kunsillier Indipendenti.

**3.4.** Inqrat ittra mibgħuta mill-Avukat Peter Fenech (*Ganado Sammut Advocates*) datata 5 t'Ottubru 2010, dwar il-kwestjoni tal-*Bring in Site* sitwat fil-parkeġġ propjeta' tal-Pixxina Nazzjonali. Minħabba l-fatt, li kienet għada ma nstabet ebda soluzzjoni, l-Kunsill kellu jirrimedja sabiex din titneħħa u fin-nuqqas, ma kienx hemm triq oħra ħlief li jittieħdu l-passi legali neċessarji.

Għaldaqsant, il-Kunsill qabel unanimament li għandha tittieħed l-azzjoni neċessarja biex din is-sitwazzjoni tiġi riżolta.

**3.5.** Inqrat ittra mibgħuta mill-*Enemalta* datata 29 ta' Settembru 2010, dwar l-*underground utilities* fir-rispett ta' Triq Sir Patrick Stuart u Triq Sir Fredrick C Ponsonby rigward *Tender GLC003/2010 Private Public Partnership.*

**3.6.** Ġie deċiż li l-Viċi-Sindku għandu jiltaqa' mal-President tal-*Malta Wheelchair DanceSport Association*, Ms Pippa Roberts, sabiex tiġi diskussa l-attivita' (*Malta International Open Dance Spectacular*) li ser issir fis-27 u t-28 ta' Novembru 2010, fl-i*sports hall* ta' l-Universita.

**3.7.** Ġie deċiż li l-Kunsillier Anthony Grech jattendi għas-seminar 'Anzjanita' – Opportunita' u Sfida li kien ser jiġi organizzat mill-Fondazzjoni *IDEAT* fis-16 t'Ottubru 2010, fid-Diplomat Hotel, Sliema.

**3.8.** Il-Kunsill għandu jinforma lis-Sur Alfred Spiteri (*Location Malta Ltd*) rigward il-proċeduri tal-*Bye Law* dwar talba sabiex jingħatalu permess biex jitpoġġa *selling booth* fix-Xatt in-naħa tal-baħar faċċata tal-115 The Strand.

**3.9.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li tiġi estiża l-garanzija bankarja tal-kuntrattur *J. & K. Contractors Ltd*. (*Tender GLC001/2009 Patching & Kerb Reinstatement Works*).

**3.10.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*E.T.C.* mit-2 t'Awwissu 2010, assenjat lis-Sur Arthur Kiomal biex jagħmel xogħol mall-Kunsill għal perjodu ta' sitt xhur skont ir-regolamenti ta' l-iskema.

**3.11.** Rigward ittra mibgħuta minn *Transport Malta* datata 28 ta' Lulju 2010, dwar *Communal Blue Sticker Badge Holders Only Parking Bay in Triq Manoel de Vilhena Gżira,* l-Kunsill qabel unanimament li għandna ninfurmaw lit-*T.M.* li kemm fi Triq Sir William Reid kif ukoll, fi Triq Manoel de Vilhena faċċata tal-Knisja diġa' teżisti din il-*parking bay*.

**3.12.** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintbagħat kopja ta' l-ittra lill-*HSBC* fi Triq ix-Xatt, mibgħuta mit-*Transport Malta* datata 30 t'Awwissu 2010, dwar *No Parking (No Waiting) sign and Reserved Parking Bay* li qegħda quddiem l-istess bank.

**3.13.** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' ittra mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali datata 19 t'Awwissu 2010, dwar permess biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem '*Konak Serbian Restaurant*', 186 Triq ix-Xatt Gżira.

**3.14.** Inqrat *e-mail* mid-ditta *Patco-Malta* dwar *appliance testing*. Matul id-diskussjoni li kienet għaddejja l-kunsill ddeċieda unanimament li tintlaqax din it-talba.

**3.15.** Il-Kunsill qabel unanimament li għandna ninfurmaw lill-*Authorised Officer* sabiex jinbidel il-Gwardjan Lokali tar-ronda eżistenti u dan minħabba l-fatt, li l-attitudni tiegħu hi waħda arroganti u l-mod ta' kif kien qed jaġixxi, kienet ta' detriment għan-negozju.

**3.16.** Id-D/Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Mozzjonijiet Nru: 5 u Nru: 6**

**4.1. Mozzjoni Nru: 5**

Ġie deċiż li l-mozzjoni hawn fuq sopraċitata - *Accountant* tal-Kunsill tiġi diskussa wara *item* Nru: 6 ta' l-Aġenda – Diskussjoni dwar l-*audit*, l-*e-mails* skambjati u approvazzjoni tat-*Trial Balances*, *Quarterly Reports*, *Financial Statements* u l-*Cash Budget*.

**4.2. Mozzjoni Nru: 6**

Din il-mozzjoni (ara *appendix* Nru: 1) tgħid,

Dan il-Kunsill Lokali qed japprova sabiex il-*Gżira United Football Nursery Training Ground*, li ġie nawgurat ġewwa l-Kulleġġ Sta Klara fl-iskola Sekondarja Antonio Bosio fil-Gżira, jiġi msemmi għall-ex Sindku u Kunsillier Albert Rizzo u għaldaqstant, jkun jissemma *Albert Rizzo Training Ground*'.

Din il-mozzjoni ġiet proposta mill-Kunsillier Malcolm Camilleri u ssekondata mill-Kunsillieri Ian Micallef u Victor Rutter.

Iċ-*Chairman* qal, li hu wkoll kellu dan il-ħsieb iżda meta tkellem mas-Sur Tyrone Demanuele, Segretarju tal-*G.U.F.C.* dan qallu, li l-*football pitch* ma kienx propjeta' tagħhom u l-ħsieb tal-*Gżira United Football Club* kien, li meta jitlesta l-*football ground* f'*Manoel Island* jissemma *Albert Rizzo Football Ground.*

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu la l-Kunsill u lanqas il-*Gżira United Football Club* ma setgħu jagħmlu dan minħabba l-fatt li dan il-*ground* kien diġa' jissejjaħ *Nicholl Ground*. Huwa kompla jgħid, li hu kien ser jagħmel ħiltu biex jissejjaħ għall-Albert Rizzo pero' kien ċert li kien ser ikun hemm persuni li jikkontestaw. Qal ukoll, li seta' jsir *proviso* li jekk il-Kunsill jaqbel, ssir talba lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jissemma għall-Albert Rizzo.

Iċ-*Chairman* kif ukoll, il-Viċi-Sindku qalu li l-Kunsill ma kellu ebda dritt minħabba l-fatt, li l-*ground* m'huwiex propjeta' tal-Kunsill u l-Viċi-Sindku qal, li f'dan il-każ, it-talba kellha ssir mill-*Gżira United Football Club* għax it-titlu jgħajjat lilhom.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-argument tiegħu kien, li Albert Rizzo kien għamel ġlieda kbira dwar il-faċilitajiet sportivi f'*Manoel Island* u fir-realta' għamel ferm ġid lill-*Gżira United Football Club*. Huwa kompla jgħid, li moralment il-Kunsill ikun qed jiżbalja jekk ma jwassalx il-messaġġ.

Iċ-*Chairman* qal, li l-problema kienet li f'dan l-istadju ma jinħoloqx ferment fil-Komunita' u fl-opinjoni tiegħu, ikun aħjar jekk jiġi diskuss il-bust għal Albert Rizzo.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fil-lokalita' ma kienx għad baqa' la toroq u lanqas postijiet biex jissemmew għal Albert Rizzo u għalhekk l-uniku alternattiva kienet li jirriżolvu għall-faċilitajiet.

Wara din id-diskussjoni, saret il-votazzjoni u r-riżultat kien erba' kontra li kienu, ċ-*Chairman*, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Anthony Abela u Anthony Grech u tlieta favur li kienu, l-Kunsillieri Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter.

Għalhekk, il-mozzjoni m'għaddietx pero' kien hemm qbil unanimu dwar il-bust għal Albert Rizzo.

## 5. Approvazzjoni ta' Request Sheets

**5.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1912 sa Nru: 2014 (ara *appendix* Nru: 2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**5.2.** Tressqu wkoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill:

- €8,000. lill-*Gżira United Football Club* u dan skont il-kuntratt li ġie ffirmat fis-26 t'Awwissu 2010.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet bagħtet *e-mail* datata 26 ta' Lulju 2010, fejn infurmat, li l-Kunsilli Lokali m'għandhomx iħallsu aktar mill-ammont allokat lilhom għall-ġbir ta' skart organiku lid-ditta *WasteServ Malta Ltd*.

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ammont allokat għas-sena finanzjarja 2010, kien ta' €39,408.00 u dan skont *e-mail* mibgħuta mid-DLG datata 10 ta' Diċembru 2009, intotalata, Allokazzjoni Finanzjarja 2010. S'issa kienet tħallset is-somma ta' €25,086.46 liema ammont jkopri minn Ottubru 2009 sa April

2010. Il-bilanċ li baqa’ kien ta’ €14,321.54 għax-xhur minn Mejju 2010 sa Diċembru 2010 u għalhekk skont l-istruzzjonijiet mill-AKL il-pagament kull xahar għal dan il-perjodu, għandu jkun ta’ €1,790.19. Għalhekk, l-ammont ta’ *Request Sheet* Nru: 1867 għandu jaqra €1,790.19 u mhux €3,330.18.

Wieħed mill-kummenti fil-*Management Letter* kien, li l-kopji oriġinali tal-minuti tal-Kunsill Lokali jridu jkunu *binded*. Għalhekk, tressqet kwotazzjoni mid-ditta *Venture Trading* għal *GBC T400 Thermal Binder* għall-prezz ta’ €67.75 VAT eskluża.

Iċ-*Chairman* qal, li fl-opinjoni tiegħu, t-*Thermal Binder* ma kienx addatat u kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill għandu jġib kwotazzjonijiet mingħand xi *stationers* li hemm fi triq ta’ ħdejn l-Universita.

Il-Kunsill qabel unanimament ma’ dak li ssuġġerixxa ċ-*Chairman*.

**5.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru:1912 sa Nru: 2014 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela kif ukoll, l-ammont ta’ €8,000 lill-*Gżira United Football Club*, li jinġiebu l-kwotazzjonijiet għall-*binder* kif ukoll, l-ammont li għandu jitħallas kull xahar lid-ditta *WasteServ Malta Ltd*.

**5.4.** Minħabba li l-*Accountant* kien għadu ma ġiex, l-Kunsill iddeċieda li jiġu trattati *items* Nru: 7, Nru: 8 u Nru: 9 ta’ l-Aġenda.

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-kwotazzjoni *GLC005/2010 – Rack* għas-*Server***

**7.1.** Wara li ġiet ppubblikata l-kwotazzjoni hawn fuq msemmija skont il-proċedura, l-Kunsill ġie nfurmat li kien irċieva kwotazzjoni waħda biss li kienet mingħand id-ditta *Forestals* għall-ammont ta’ €1,148.44 VAT inkluża (ara *appendix* Nru: 3).

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament għan-nefqa hawn fuq msemmija b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

**8. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-kwotazzjoni *GLC006/2010 – Culvert Cleaning***

**8.1.** Wara li ġiet ppubblikata l-kwotazzjoni hawn fuq msemmija skont il-proċedura, l-Kunsill ġie nfurmat li kien irċieva kwotazzjoni waħda biss li kienet mingħand id-ditta *General Ecological Services Co. Ltd.*għall-ammont ta’ €2,146.28 VAT inkluża (ara *appendix* Nru: 4).

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, sabiex jitnadfu l-*culverts* tal-lokalita' mid-ditta *General Ecological Services Co. Ltd.*għall-ammont hawn fuq msemmi.

**8.2.** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tinħareġ kwotazzjoni għall-*Christmas Lighting Decorations* bħal tas-sena preċedenti jiġiefieri Triq Ix-Xatt, Pjazza Meme' Scicluna, Misraħ Turu Colombo u Triq San Albert quddiem il-*Gżira Activities Centre*.

**9. Diskussjoni dwar *Tender GLC002/2010 – Mixed Household Waste***

**9.1.** Ġie deċiż unanimament li bħal ma jsir kull meta tinħareġ sejħa għall-offerti, jinħatar Kumitat sabiex tiġi trattata l-materja hawn fuq soprċitata u l-membri ser ikunu, l-Viċi-Sindku bħala *Chairman* u l-Kunsillieri Anthony Abela u Victor Rutter biex iħejju rakkomandazzjoni sabiex tiġi ppreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

**6. Diskussjoni dwar l-*audit*, l-*e-mails* skambjati u approvazzjoni tat-*Trial Balances, Quarterly Reports, Financial Statements* u l-*Cash Budget*.**

**6.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat bl-*e-mails* li kienu ġew skambjati bejn l-awdituri *Grant Thornton*, l-*Accountant* Antoine Portelli u l-Kunsill fejn fost affarijiet oħra, kellhom isiru xi *emendments* fil-*format* tal-*Financial Statements* li d-*deadline* biex jiġu sottomessi kemm lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll lil-N.A.O. kien l-24 ta' Settembru 2010, li għalkemm l-*accountant* bagħthom fid-data stipulata iżda fis-6.15 p.m. xorta waħda ma ġewx aċċettati mill-awdituri *Grant Thornton* minħabba li ma kienux '*in compliance mal-Financial Procedures* u kien għad baqa' aktar korrezzjonijiet x'jsiru.

Fl-1 t'Ottubru 2010, il-Kunsill reġa' rċieva *e-mail* mingħand l-awdituri fejn dawn qalu li għalkemm Il-*accountant* kien bagħat ' *a revised set of financial statements'* xorta kien hemm x' affarijiet li kellhom jiġu rettifikati.

Fil-5 t'Ottubru 2010, fit-08.06 a.m. permezz ta' *e-mail* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-Kunsill ġie nfurmat li kien sar tnaqqis ta' €3,390. mill-allokazzjoni tal-Kunsill minħabba li r-rapport ta' l-uditur ma wasalx fil-ħin stipulat u dan skont Memo 104/2010.

Iċ-*Chairman* kien ċempel il-Kunsill u kellem lid-D/Segretarju Eżekuttiv fejn kien qalilha li kienu tkellmu mad-Direttur, s-Sur Martin Bugelli u dan kien qallu biex joġġezzjonaw.

Fit-03.01 p.m. ta' l-istess ġurnata, l-Kunsill reġa' rċieva *e-mail* mid-D.L.G. fejn il-Kunsill ingħata ċans sal-Ġimgħa 29 t'Ottubru 2010, biex jintbagħat

dan ir-rapport u f'dan il-każ id-Dipartiment jerġa' jirrifondi l-flus li ġew miżmuma kif ukoll, id-Dipartiment jirriżerva d-dritt li jkompli jnaqqas mill-allokazzjoni u jippubblika l-ismijiet ta' dawk il-Kunsilli li r-rapport tagħhom ma jkunx wasal sa din id-data.

Fis-06.03 p.m. (05.10.10) il-Kunsillier Ian Micallef bagħat *e-mail* lid-Direttur tad-D.L.G. kupjata lil kulħadd, fejn staqsih għaliex f'daqqa waħda sar dan it-tibdil.

F'dan l-istadju, l-Kunsillier Ian Micallef qal, li s-Sur Martin Bugelli – Direttur D.L.G. għar-risposta ta' l-*e-mail* tiegħu, kien ċempillu fit-8.20 p.m. u staqsih jekk kienx qed jalludi għal xi ħaġa. Huwa kompla jgħid, li hu staqsa biss għaliex kienet saret din il-bidla u kienx kellmu xi ħadd. Is-Sur Bugelli wieġbu li din kienet deċiżjoni meħudha mhux biss fuq il-Gżira u ċaħad katekorigament li ma kien kellmu ħadd.

Iċ-*Chairman* qallu, 'd-Direttur (jiġifieri s-Sur Bugelli) ċaħad li kien kellimni' u staqsih jekk kienx qed jalludi xi ħaġa fuqu u xtaqu li jkun aktar ċar.

Il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb, li ma kienx qed jalludi u kien staqsa lid-Direttur Martin Bugelli permezz ta' *e-mail* fil-parametri għaliex kien sar dan it-tibdil u jekk kienx kellmu xi ħadd dwar il-multa u l-argument kien wieħed, li hu xtaq ikun jaf ir-raġuni għaliex kienet ġiet irtirata.

Iċ-*Chairman* staqsa, x'kienet ir-raġuni għaliex bagħat jistaqsi lid-Direttur Martin Bugelli.

Il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb, li ma kienitx tagħmel sens li l-ewwel il-Kunsill ingħata multa u wara ġiet irtirata u mibdula f'*extention*. Huwa kompla jgħid, li d-Direttur kien qallu li din l-*extention* ngħatat lill-erba' Kunsilli oħra.

Iċ-*Chairman* qal, li meta kien tkellem mad-Direttur Martin Bugelli kien qallu, li l-Kunsilli li kienu għadhom ma ssottomettewx il-*financial statements* kienu madwar tletin.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li d-Direttur kien ikkonferma li l-Kunsilli kienu erba' li kienu Żebbug Malta, Gżira, Mqabba u Paola u din il-konferma kienet intbagħtet permezz ta' *e-mail* datata 5 t'Ottubru 2010, mingħand s-Sur Silvio Frendo tad-D.L.G.

Inqrat *e-mail* datata 7 t'Ottubru 2010, mibgħuta minn Ms Margaret Bonello Cole (*Grant Thornton*) fejn infurmat li r-*revised financial statements* mibgħuta mill-*accountant*, ma kienux ġew riveduti skont il-korrezzjonijiet li bagħtu huma stess f'*e-mail* datata 1 t'Ottubru 2010 u għalhekk ma kienux aċċettabbli u talbet li din tiġi trattata fil-laqgħa tal-Kunsill.

L-*accountant* Antoine Portelli wieġeb billi skuża ruħu għaliex kien bagħat *set* ta' *financial statements* antiki u mhux dawk li kien irriveda.

Il-Viċi-Sindku qal, li bir-rispett kollu, l-Kunsill kien qiegħed wisq tard u waqt din il-laqgħa, kellhom jiġu diskussi u approvati l-*financial statements* skont il-korrezzjonijiet ta' l-audituri sabiex jiġu sottomessi lilhom (*Grant Thornton*) biex dawn jibgħatuhom lill-Awtoritajiet konċernati.

L-*accountant* ta' spjegazzjoni tal-korrezzjonijiet mitluba mill-audituri u qal li kienu *typing* u *rounding errors,* apparti minn żbalji li kienu ġejjin mill-auditur preċedenti fil-*financial statements* ta' Marzu 2009 liema *financial statements*, kienu ġew approvati u ppreżentati lill-*N.A.O.* u li hu ma jħossx li għandu jikkoreġihom, imma ħallihom eżatti kif kienu.

Huwa kompla jgħid, li l-affarijiet l-oħra li ntalbu kienu *cosmetic changes* li għall-auditur preċedenti dawn kienu mmaterjali. Huwa talab skuża diversi drabi għan- nuqqasijiet kollha u għad-dewmin u ammetta li kien traskurat u li ma kienitx is-soltu prattika tiegħu pero', l-audituri tawh *hard time* u wara li kien ser ilesti l-*financial statements*, kemm minħabba l-volum ta' xogħol li għandu kif ukoll, l-antagoniżmu li huwa jħoss li l-Kunsill għandu fir-rispett tiegħu, kien ser jirriżenja u ma kienx ser jagħmel is-sena 2010.

L-*accountant* ġibed l-attenzjoni tal-Viċi-Sindku dwar x'kien ġie diskuss fil-laqgħa li kellhom bejniethom fil-Kunsill fejn fost affarijiet oħra, kien ssuġġerixxa li l-*posting* ta' l-*invoices* ma jibqax jagħmilhom hu.

Id-D/Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dan kien jagħmel parti minn xogħolu skont l-*Expression of Interest* li kien applika għaliha.

Il-Viċi-Sindku staqsih l-għala kien qed jaċċetta aktar xogħol meta diġa' kellu kuntratt mal-Kunsill u kien għad jonqos ħafna xogħol x'jsir. Huwa kompla jgħid, li kienu diġa' għaddew għaxar xhur minn din is-sena finanzjarja u x-xogħol relatat ma' l-*accounts* kien għadu ma nbediex kif ukoll, il-*budget Apr-Dec 2009* u l-*budget 2010* kienu għadhom ma ġewx preparati.

L-*accountant* rrimarka, li ħadd mill-Kunsill ma kien qallu kif għandu jqassam il-*budget*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qallu, li fil-*budget* jkollok biss figuri magħmula mid-dħul u l-infieq ta' l-ammonti għall-kuntratti eżistenti u pagi u l-bilanċ fl-infieq kapitali jitqassam skont id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill. Huwa kompla jgħid, li l-*accountant* għandu jinforma dwar il-bilanċ biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jippjana l-proġetti tiegħu.

L-*accountant* qal, li ma jożonorax ruħu mid-dewmin imma fil-bidu ta' l-impieg tiegħu, sab li kellu jagħlaq is-sena finanzjarja 2008/2009 kif ukoll, April/Diċembru 2009.

Id-D/Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*accountant* kien aċċetta li jagħlaq is-sena finanzjarja 2008/2009 u kien anke tħallas apparti għal dan ix-xogħol.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-problema kienet, li d-*deadlines* qatt ma ġew rispettati u l-Kunsill tilef għajnuna finanzjarja mingħand il-Gvern Ċentrali fuq fondi għat-toroq minħabba li l-*accounts* tas-sena finanzjarja 2009 kienu għadhom ma tlestewx.

L-*accountant* qal, li matul dawn l-aħħar tmien xhur, kien ġibed l-attenzjoni li hu ma setax ilaħħaq max-xogħol tal-Kunsill u reġa' rrefera għall-laqgħa li kellu fil-Kunsill mall-Viċi-Sindku.

Il-Viċi-Sindku wieġeb li matul din l-istess laqgħa, l-*accountant* qallu li kull ma kien hemm bżonn kienu sagħtejn xogħol fil-ġimgħa biex isir l-*inputing* ta' xahar. Huwa kompla jgħid, li jekk il-pedament tax-xogħol huwa tajjeb, ma kienx ser ikollu aktar minn ħmistax –il ġurnata xogħol biex jagħmel sena.

L-*accountant* qal, li ma kienx il-fatt li ma riedx jagħmel ix-xogħol iżda ma setax minħabba mpenn ġdid ta' xogħol. Huwa kompla jgħid, li l-Kunsill kien qed jaħseb li hu kien għamel '*a forever more commitment'* miegħu.

Iċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill għandu mozzjoni biex jiġi terminat l-inkarigu ta' l-*accountant* Antoine Portelli.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-mozzjoni kienet ġiet postposta sabiex tinstab soluzzjoni u dan minħabba l-fatt, li l-Kunsillieri huma personalment responsabbli għall-finanzi.

Iċ-*Chairman* wieġeb li r-responsabbilita' kienet biss tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

L-*accountant* xtaq li tinstab soluzzjoni għar-raġuni ta':

- Nuqqas ta' ħin
- Jħoss li fil-Kunsill hemm ċertu antagoniżmu fil-konfront tiegħu

u għalhekk reġa' tenna li ried jirriżenja.

F'dan l-istadju, l-Viċi-Sindku staqsih jekk setax jagħmel imqar l-ewwel xahrejn tas-sena finanzjarja 2010 biex il-Kunsill fl-istess waqt joħroġ *Expression of Interest.*

L-*accountant* qal, li biex jispiċċa fuq nota tajba mal-Kunsill, talab lid-D/Segretarju Eżekuttiv biex ittieh l-*invoices* ta' l-ewwel xahrejn tas-sena finanzjarja 2010.

Id-D/Segretarju Eżekuttiv infurmat li skont *Memo 106/2010,* ebda dokument ma jista' jinħareġ mill-uffiċini tal-Kunsilli Lokali.

Abazi ta' dak li kienet għada kemm infurmat dwaru d-D/Segretarju Eżekuttiv, L-*accountant* staqsa jekk il-Kunsill kellux oġġezzjoni jekk hu jqabbad persuna oħra għan-nom tiegħu biex jagħmel l-*inputting ta' l-accounts* mill-uffiċċju tal-Kunsill, liema persuna titħallas minnu stess.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsill partikularment il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Ian Micallef insistew ma' l-*accountant* li l-*financial statements* approvati mill-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iridu jkunu sottomessi lill-Awtoritajiet konċernati jiġifieri lill-awdituri *Grant Thornton*, id-Departiment għall-Gvern Lokali u l-*N.A.O*. sad-29 t'Ottubru 2010.

L-*accountant* wiegħed lill-Kunsill li kien ser jaħdem *overnight* fuq il-*financial statements* u talab li jirċievi l-kjarifikati dwar mistoqsijiet fuq il-korrezzjonijiet mitluba minn *Grant Thornton* fuq l-*audit* tas-sena finanzjarja Marzu 2009.

Għalhekk, wara din id-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament li jekk l-audituri *Grant Thornton* japprovaw il-*financial statements,*l-laqgħa tiġi aġġornata għall-għada jiġifieri l-Ġimgħa 8 t'Ottubru 2010.

Il-Kunsill ta' l-awguri taż-żwieġ lill-Kunsillier Malcolm Camilleri u dan telaq fit-8.00 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**6.2.** Ġie deċiż li l-Mozzjoni Nru: 5 – *Accountant tal-Kunsill* tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**10. Diskussjoni dwar il-*Management Letter***

**10.1.** Tqassmet kopja kemm tad-*draft Management Letter* mibgħuta mill-audituri *Grant Thornton* kif ukoll, d-*draft reply* tal-Kunsill għad-diskussjoni u approvazzjoni tal-Kunsill.

Wara li ġew kjarifikati diversi punti mill-*accountant*,din ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**10.2.** Ġie deċiż li *items* Nru: 11, 12 u 13 ta' l-Aġenda jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

**10.3.** Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Marion Monaco |
| Sindku | D/Segretarju Eżekuttiv |

**MOZZJONI Nru.Klg5/05**

**Lill.** **Kunsill Lokali Gżira**

**Mill-** **Kunsillier Ian Micallef**

**Data.** **20 ta' Mejju 2010**

**Ħin.** **5.11 p.m.**

**Dan il-Kunsill Lokali nnota l-korrispondenza mibgħuta kemm mingħand l-Awdituri tal-Kunsill Lokali kif ukoll, mill-Uffiċċju ta' l-Awditur Nazzjonali dwar l-*accounts* tal-Kunsill Lokali Gżira magħmula mill-*accountant* tal-Kunsill Lokali, Antoine Portelli;**

**Innota wkoll, il-proposta magħmula mill-Viċi-Sindku Joe Camilleri u dik magħmula mmedjatament wara, mill-Kunsillier Ian Micallef.**

**Jirrisolvi, li minkejja li l-*accountant* Antoine Portelli ngħata ċans kemm –il darba (minkejja ż-żmien iffissat fil-liġi u l-*memo's* sa meta għandhom ikunu lesti l-*accounts*), naqas milli jagħmel dan fiż-żmien ta' estenzjoni mogħti lilu u għalhekk, poġġa lill-Kunsill Lokali f'pożizzjoni negattiva li skont il-liġi, jista' jkollha effetti serji;**

**Illi jiġi terminat l-inkarigu ta' Antoine Portelli bħala *accountant* tal-Kunsill Lokali b'mod immedjat u dana a bazi ta' l-ineffiċjenza tiegħu kif ukoll, minħaba l-aġir tiegħu fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri;**

**Tinħareġ sejħa mmedjata għall-istess inkarigu;**

**Jinżamm il-ħlas mitlub u wara l-ingaġġ ta' l-*accountant* l-ġdid, ssir valutazzjoni bir-reqqa dwar il-pagament li għandu jingħata anke wara li jiġi konsultat l-konsulent legali tal-Kunsill.**

| | | |
|---|---|---|
| **Proponent** | **Ian Micallef** | **Kunsillier** |
| **Sekondant** | **Malcolm Camilleri** | **Kunsillier** |
| | **Victor Rutter** | **Kunsillier** |
| **Laqgħa Nru.** | **27.05.2010** | **K5/** |

Gżira Local Council

**Ref No: K233/119/10**

**7 October 2010 KLG5/47**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1912 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13315 Job No: 9868 road markings | 251.73 | 6810 |
| 1913 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13316 Job No: 9869 road markings | 388.54 | 6811 |
| 1914 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13324 Job No: 9908 road markings | 266.53 | 6812 |
| 1915 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13325 Job No: 9909 road markings | 593.65 | 6813 |
| 1916 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13355 Job No: 8625 Traffic Signs | 47.65 | 6814 |
| 1917 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13326 Job No: 9910 road markings | 326.69 | 6815 |
| 1918 | C.S.D. invoice 31286 Stationery | 17.05 | 6732 |
| 1919 | The Toolbox invoice 9627/9735 | 177.42 | 6733 |
| 1920 | Squire B/shop invoice 7488 n/papers July 2010 | 42.75 | 6734 |
| 1921 | David Grasso – attivita' 08.07.2010 | 85.00 | 6700 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1922** | **David Grasso – Summer Music Nights 16.07 – 23.07 – 30.07** | **279.52** | **6720** |
| **1923** | **S.Rausi Trading – July statements D/water + Drinks attivita' 08.07.2010** | **290.08** | **6702** |
| **1924** | **E.L.C. invoice 006405 Maint Soft Areas July 2010** | **2212.92** | **6735** |
| **1925** | **Joe Bonnici & Sons invoice 5100 Hire of 2 M/Toilets – July 2010** | **329.22** | **6736** |
| **1926** | **C.S.D. invoices 31348-31678 stationery** | **65.14** | **6748** |
| **1927** | **M.Quip Co. Ltd invoice 23030 Spring rider – repair of see saw** | **1054.50** | **6751** |
| **1928** | **G4S Security Services invoice 000643 C.I.T. July 2010** | **38.05** | **6752** |
| **1929** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13387 Job No: 9882 road markings** | **891.11** | **6816** |
| **1930** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13388 Job No: 9883 road markings** | **358.03** | **6817** |
| **1931** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13389 Job No: 9884 road markings** | **363.97** | **6818** |
| **1932** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13390 Job No: 9885 road markings** | **195.84** | **6819** |
| **1933** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13404 Job No: 9926 road markings** | **246.46** | **6820** |
| **1934** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13405 Job No: 9927 road markings** | **250.28** | **6821** |
| **1935** | **Alfa Co. Ltd. Invoice Nos: 64271 - 64272-64454 eco tax – rentals of 2 p/copiers 13.06.10-12.07.10/01.07.10-31.07.10** | **227.85** | **6753** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1936** | **Melita plc invoice 29073526 – T.V. 01.08.10 – 31.08.10 Act. Centre** | **9.75** | **6704** |
| **1937** | **ARMS Ltd invoice 12567783-25.11.09 19.05.2010 Promenade Gardens – Xatt** | **629.51** | **6754** |
| **1938** | **Makaw invoice 18384 Floodlights Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira** | **157.80** | **6705** |
| **1939** | **J.F. Mallia invoice 430 Job No: 136/138 Triq Kubrit u Triq Enrico Mizzi–July2010** | **48.41** | **6826** |
| **1940** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 13448 Job No: 8454 Traffic Signs** | **52.40** | **6822** |
| **1941** | **MA & A Services Ltd invoice 001443 2 A/Conditioners in office – 1 A/C in Mayor's Office** | **4,548.00** | **6721** |
| **1942** | **GO plc invoice 24147296 Calls July rent Aug 2010 Tel: 341616** | **21.66** | **6708** |
| **1943** | **GO plc invoice 24147286 Calls July rent Aug 2010 Tel: 334254/341034** | **70.63** | **6709** |
| **1944** | **GO plc invoice 24147971 Calls July rent Aug 2010 Tel: 322157** | **51.31** | **6710** |
| **1945** | **Borg Hardware Store invoice 120 & 121** | **79.30** | **6755** |
| **1946** | **SRF Cleaning Serv. Invoice 10/1408 July 2010/S/Sweeping/G/Cutting/M/Sweeper** | **4665.72** | **6756** |
| **1947** | **SRF Cleaning Serv. Invoice 10/1409 July 2010 – Sunday Services** | **378.52** | **6757** |
| **1948** | **SRF Cleaning Serv. Invoice 10/1410 Cleaning Services during Festa** | **93.17** | **6758** |
| **1949** | **Melita plc invoice 29159052 Hello Service 08.08.10 – 07.09.10** | **244.70** | **6711** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1950** | **TcTc invoice 290189 E-Tfal Course** | **1,100.00** | **6830** |
| **1951** | **Stardelta Hardware Store invoice No: 6658513** | **17.20** | **6759** |
| **1952** | **A.K.L. Laqgħa Sindki – 22/23/10/10 Doleman Hotel (V/Sindku)** | **140.00 pt chq** | **6529** |
| **1953** | **Ms S Galea – invoice 10 Craft Lessons August 2010** | **375.0** | **6712** |
| **1954** | **Squire B/shop invoice 7390 N/papers August 2010** | **44.30** | **6760** |
| **1955** | **David Grasso Summer Music Nights inc. Singer- 06.08/13.08/19/08** | **329.50** | **6722** |
| **1956** | **Allied N/papers invoice AS 141202 adv. GLC003/2010 P.P.P.** | **586.14** | **6761** |
| **1957** | **E.L.C. invoice 006493 Maint Soft Areas August 2010** | **2212.92** | **6762** |
| **1958** | **Joe Bonnici & Sons – invoice 5193 Hire of 2Mobile/T – August 2010** | **329.22** | **6763** |
| **1959** | **Ktieb Żjara tal-Papa 17/18 April 10** | **15.00** | **pending** |
| **1960** | **David Grasso Summer Music Nights 27.08.10 & 03.09.2010** | **186.00** | **6723** |
| **1961** | **G4S Security Services – invoice No: 000821 C.I.T. August 2010** | **22.83** | **6764** |
| **1962** | **Union Print Ltd invoice A1003271 – Adv GLC 003/2010 P.P.P.** | **55.13** | **6765** |
| **1963** | **S.Rausi Trading – D/Water Office August 2010** | **17.98** | **6766** |
| **1964** | **Enemalta Corporation – Compliance Certificate re Adm. Office** | **900.00** | **6664** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1965** | **Ms S. Galea – invoice 11 Craft Lessons September 2010** | **375.00** | **6727** |
| **1966** | **Joe Borg invoice 16 Duck Food Aug 10** | **46.59** | **6767** |
| **1967** | **Joe Borg invoice 17 Duck Food Sept.10** | **46.59** | **6768** |
| **1968** | **E. Mifsud invoice 42 Door to Door Collection – August 2010** | **5590.50** | **6738** |
| **1969** | **E. Mifsud invoice 43 Hire of Skips August 2010** | **432.87** | **6739** |
| **1970** | **E. Mifsud invoice 44 Public Convenience August 2010** | **836.06** | **6740** |
| **1971** | **E. Mifsud invoice 45 Bulky Refuse – 183** | **1001.75** | **6741** |
| | **Calls July 2010 –** | | |
| **1972** | **E. Mifsud invoice 46 Door to Door Collection – September 2010** | **5590.50** | **6742** |
| **1973** | **E. Mifsud invoice 47 Hire of Skips September 2010** | **432.87** | **6743** |
| **1974** | **E. Mifsud invoice 48 Service of Public Convenience – Sept. 2010** | **836.06** | **6744** |
| **1975** | **E. Mifsud invoice 49 Bulky Refuse 180 calls August 2010** | **985.32** | **6745** |
| **1976** | **J & K Contractors Ltd inv. 1123-10 pvment wrks – mwp 01/2010 pvmts** | **4134.62** | **6716** |
| **1977** | **J&K Contractors Ltd inv. 1124-10 pvmt works mwp e-mail 27.04.2010** | **449.92** | **6714** |
| **1978** | **J&K Contractors Ltd inv. 1125-10 pvmt wrks mwp 02/2010 pvmts** | **384.29** | **6715** |
| **1979** | **Sound Vision Print inv.13009 advert Kullhadd GLC003/2010 P.P.P.** | **88.03** | **6769** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1980** | **Dept. Local Gov. Adv Malta Indep. GLC003/2010 P.P.P.** | **44.50** | **6858** |
| **1981** | **Dept. Local Gov. Adv Malta Indep Quotation cleaning of culverts** | **62.50** | **6857** |
| **1982** | **GO plc inv.24252122 tel: 322157 Calls Aug Rent Sept. 2010** | **198.18** | **6717** |
| **1983** | **SRF Cleaning Serv. Inv. 10/1590 –Aug 2010 Services** | **4665.72** | **6770** |
| **1984** | **SRF Cleaning Serv. Inv.10/1591 – Aug 2010 Sunday Services** | **378.52** | **6771** |
| **1985** | **Best Wishes Stationery inv. 2397721 Stationery** | **150.94** | **6772** |
| **1986** | **J.F. Mallia Ltd inv. 446 – job Nos: 139 - 140/141/142/143/144/146/147** | **211.15** | **6827** |
| **1987** | **J.F. Mallia Ltd inv. 402** | **396.48** | **6828** |
| **1988** | **J.F. Mallia Ltd inv. 404** | **40.00** | **6829** |
| **1989** | **Media Link Comm. Inv.044143-adv GLC003/2010 – P.P.P.** | **54.75** | **6773** |
| **1990** | **GO plc inv.24251451 tel: 334254 & 341034 Aug Calls Rent Sept. 2010** | **73.92** | **6718** |
| **1991** | **GO plc inv.24251461 tel: 341616 calls August Rent Sept. 2010** | **23.80** | **6719** |
| **1992** | **Mr. Alfred Portelli – Contract Manager fee July – August – September 2010** | **745.42** | **6746** |
| **1993** | **Dr. Ed. Woods Legal Advisor fee July – August September 2010** | **494.76** | **6774** |
| **1994** | **Longbow Ltd invoice No: 86539 Bin Liners for the Strand** | **75.52** | **6775** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1995** | **Alfa Co. Ltd invoice No: 65084 Rentals + Copies** | **170.58** | **6787** |
| **1996** | **ECAD Conference – Gozo re: J.C. accom.** | **247.50** | **6724** |
| **1997** | **Mr. J Camilleri boat trip Gozo conference ECAD** | **15.70** | **6747** |
| **1998** | **C.S.D. Office Trade Invoice Nos:31900 31904 Stationery** | **55.31** | **6749** |
| **1999** | **Palmyra Printing Serv. Ltd inv. No: 4862 – invitations attivita' 01.10.10** | **55.00** | **6776** |
| **2000** | **Guard & Warden Serv. House – GLC/10 Extra Serv. Attivita' 01.10.10** | **15.84** | **6725** |
| **2001** | **Melita plc inv.29323353 Hello service 08.09.2010 – 07.10.2010** | **101.46** | **6726** |
| **2002** | **Squire Bookshop inv. No: 08484 newspapers Sept. 2010** | **42.20** | **6777** |
| **2003** | **Gauci Borda & Co. Ltd. inv.047846 small Maltese Flag** | **10.01** | **6778** |
| **2004** | **Palmyra Printing Serv. Ltd. invoice 4913 yellow notices re skart** | **367.51** | **6779** |
| **2005** | **Fabian Enterprises Ltd invoice No: 446638 Push Button Door Buzzer** | **20.01** | **6780** |
| **2006** | **S.Rausi Trading inv.Nos: 21075342 11128240** | **288.19** | **6781** |
| **2007** | **D.O.I. advert quotation GLC006/2010 Culvert Cleaning** | **9.32** | **6707** |
| **2008** | **D.O.I. advert Tender GLC003/2010 P.P.P.** | **9.32** | **6706** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2009** | **Venture Trading invoice No: 015497 Stationery** | **94.84** | **6782** |
| **2010** | **Simler's Confectionery Ref No: 2458 attivita' 01.10.2010** | **290.79** | **6783** |
| **2011** | **C.S.D. Office Trade invoice No: 31997 A4 Copy paper** | **17.05** | **6750** |
| **2012** | **abc print invoice No: 1.100110.03 inauguration plaque – attivita' 01.10.10** | **205.32** | **6784** |
| **2013** | **d'Aniens Dev. Ltd one year rent re: Act. Centr. 01.11.10 – 31.10.2011** | **9358.60** | **6785** |
| **2014** | **I.T.S. support Annual fee 01.01.2011 to 31.12.2011 e-mail support & Telephone Renewal Notice No: SOR100540** | **177.00** | **6786** |